**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 124/2020 RM**

**Elmo Insurance Limited**

**-Vs-**

**John Ripard & Son (Shipping) Limited f'isimha proprju u bħala aġent tas-socjeta' estera MSC (Mediterranean Shipping Company S.A.)**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjeta' Elmo Insurance Limited fir-Reġistru tal-Qorti fit-22 ta' Lulju 2020, fejn talab lill-kumpanja John Ripard & Son Limited thallas is-somma ta' sitt elef tmien mija tlieta u sebghin ewro u tletin centezmu (€6,873.30) rapprezentanti d-danni u spejjes ancillari li ghalihom ghamlet tajjeb s-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited bhala indennizz a favur tal-assigurat taghha Mediterranean Crafts Company Limited, ghal liema hlas l-imsemmija socjeta' attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha skond ma jirrizulta mill-anness Dok. A, u dan rizultat ta' danni subiti f'konsenja li kienet tikkonsisti f'kiln (forn), liema konsenja s-socjeta' konvenuta pro et noe kienet giet inkarigata sabiex iggorr minn Genova, l-Italja, lejn Malta, li twasslet lilha fit-22 ta' Lulju 2019. Isegwi ghalhekk li s-socjeta' konvenuta pro et noe hija unikament responsabbli ghad-danni li qed jigu hawn reklamati.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali b'effett mit-22 ta' Lulju 2019 (data illi twasslet il-konsenja de quo) sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta ' konvenuta pro et noe li hija min issa stess ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta ppreżentata fl-20 ta' Awwissu 2020, fejn eċċpiet:-

1. *Illi prelimarjament skond il Sea Way Bill (Dok A) din il-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni sabiex tikkonsidra din it-talba billi l-partijiet fthemu li dan ghandu ikun esklusivament tal-High Court of London.*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost John Ripard & Son (Shipping) Limited f'isimha propju ma ghandhiex relazzjoni guridika ma' societa attrici jew ma' Mediterranean Crafts Company Limited u ghalhekk ghanda tigi liberata mill- osservanza tal-gudizzju.*

3. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost skond il-Sea Waybill l- consignee huwa Mediterranean Ceramics u mhux Mediterranean Crafts Company Limited u ghalhekk ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk is- societa konvenuta kif mharka kif mharka ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

4. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba hi preskritta ai termini tal-artikolu 544 (e) tal-Kodici ta' Kummerc kif ukoll skond il-Sea Way Bill. Notice of arrival kien fid-19 ta' Lulju 2019 u l-kawza giet presentata biss fit-22 ta' Lulju 2020.*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq post espost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi il merkanzija giet kkonsenjata fl-istess stat li giet rcevuta minn John Ripard & Son (Shipping Limited) bhala agent tas-societa estera MSC. Illi kienu il hauliers tas-societa Mediterranean Crafts Company Limited li accettaw il-merkanzija f'stat tajjeb u kkonsenjaw il-merkanzija lis-societa Mediterranean Crafts Company*

*Limited.*

6. *Illi minghajr pregudizju ghal fuq espost Mediterranean Crafts Company Limited u s-societa attrici naqsu milli fil-mument opportun jaghmlu survey u jipprezentaw provi dwar l-allegat hsarrat u danni. Id-danni huma kontestati.*

7. *Illi f' kull kaz minghajr pregudizzju ghal fuq espost s-societajiet konvenuti qatt ma gew interpellati mis-societa attrici jew minn Mediterranean Crafts Company Limited sabiex ihallsu xi danni u ghalhekk biss s-societajiet konvenuti ma ghandhomx ihalsu l-ispejjes ta' din il-kawza.*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost hemm ftehim fil-Sea Way Bill dwar limitation of liability tas-societa konvenuta.*

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta’ Frar 2021 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni mqajma mis-soċjeta’ konvenuta fir-Risposta tagħha;

Rat id-digriet ta’ assenjazzjoni mogħti mis-S.T.O. il-Prim’Imħallef fit-13 ta’ Ottubru 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lill-Qorti kif preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta’ Settembru, 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob ir-rimbors tal-ħlas rappreżentanti d-danni u spejjeż anċillari, li hija wettqet lill-assigurat tagħha Mediterranean Crafts Company Limited taħt polza ta' assigurazzjoni li kienet tkopri l-konsenja ta' forn (*kiln*) minn Genoa, l-Italja, lejn Malta.  Is-soċjeta' attriċi, li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha, tikkontendi li dan il-forn ġarrab ħsarat waqt il-ġarr tiegħu mill-Italja lejn Malta meta kien fil-kustodja tat-trasportatur u għalhekk hi responsabbli għad-danni sofferti, is-soċjeta' konvenuta, John Ripard & Son (Shipping) Limited li kienet inkarigata bil-konsenja tal-forn lill-assigurat tal-istess soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' konvenuta da parti tagħha tilqa' għall-azzjoni b'diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari filwaqt li fil-mertu ssostni li l-merkanzija ġiet konsenjata fl-istess stat li hija rċevietha mingħand is-supplier esteru u ġiet aċċettata mill-*hauliers* tal-klient fi stat tajjeb.  Tikkontesta wkoll il-*quantum* tad-danni mitluba u tinvoka wkoll il-limitazzjoni tar-responsabbilita' tagħha abbażi tat-termini maqbula fis-Sea Way Bill.

Illi qabel xejn il-Qorti sejra tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari li ġew sollevati mis-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha.

L-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta ġiet miċħuda bis-sentenza mogħtija mill-Qorti diversament preseduta b'sentenza tal-4 ta' Frar 2021.  Jifdal li jiġu trattati u deċiżi t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' konvenuta u s-soċjeta' attriċi u jew l-assigurat tagħha Mediterranean Crafts Company Limited u tal-mankanza ta' rapport ġuridiku minħabba wkoll il-fatt li d-destinatarju tal-merkanzija kif indikat fis-Sea Way Bill huwa 'Mediterranean' Ceramics u mhux l-assigurat tas-soċjeta' attriċi, 'Mediterranean Crafts Company Limited'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** inghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu.*

*Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Il-Qorti tqis li t-tieni eċċezzjoni hi manifestament infondata għaliex relazzjoni ġuridika ma titnissilx biss minn rapport kuntrattwali diretta. Kif ġie mfisser fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell[1] fid-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Anthony Cauchi et vs Joseph Spiteri et-**

*Indubbjament, in linea ta' principju, relazzjoni negozjali jew guridika tiddixxendi minn qaghdiet diversi ta' dritt. Sija jekk minn kontrattazzjoni, jew minn intervent delittwuz jew kolpuz, sija b'effett ta' successjoni jew minn sitwazzjoni strutturali komuni, ad ezempju, fil-kondominja. Indistintament, dawn il-qaghdiet potenzjalment jipproducu dawk l-effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar;*

...

*Ir-ricerka ghas-sussistenza, o meno, ta' dan l-argoment necessarjament tinvolvi dak ta' l-accertament okkorrenti, fuq il-bazi tal-petitum tal-kawza, ossija r-rizultat persegwit mill-atturi fil-gudizzju, tendenti ghall-kundanna tal-konvenuti tal-hlas tad-dritt ... reklamat."*

Ġie ritenut ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**, deċiża fit-28 ta' Settembru 2016:-

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

[1] (Inf.) per Imħ. P. Sciberras.

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*"

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta li s-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited l-assigurat tagħha Mediterranean Crafts Company Limited kellhom relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-polza tal-assigurazzjoni[2]. Is-soċjeta' attriċi ħarrket lis-soċjeta' konvenuta biex tirrimborsa l-ammont li hija ħallset lill-assigurat tagħha abbażi tal-obbligu tagħha skont il-polza tal-assigurazzjoni, ammont rappreżentanti d-danni sofferti mill-assigurat tagħha allegatament bi ħtija tas-soċjeta' konvenuta. Dan il-ħlas sar b'surroga konvenzjonali kontestwali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu *1164 et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili[3] bir-riżultat li s-soċjeta' attriċi daħlet fil-jeddijiet tal-assigurat tagħha kontra l-pretiż debitur tagħha, is-soċjeta' konvenuta.

In kwantu għall-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta illi ma għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' Mediterranean Crafts Company Limited għaliex l-uniku isem tal-*consignee* kif indikat fis-Sea Way Bill huwa 'Mediterranean Ceramics', din ukoll ma treġix. Mix-xhieda ta' David Grima li baqgħet mhux kontestata, jirriżulta illi 'Mediterranean Ceramics' huwa l-isem tan-negozju tas-soċjeta' Mediterranean Crafts Company Limited. Bħala ditta ossia *trade name*, il-Qorti fehmet li 'Mediterranean Ceramics' m'huwiex korp mogħni b'personalita' ġuridika u konsegwentement, id-drittijiet u obbligi spettanti lill-*consignee* fis-Sea Way Bill huma neċessarjament tal-persuna naturali jew legali li teżerċita l-kummerċ taħt dak l-isem. Mill-provi jirriżulta li tabilħaqq din il-persuna hija l-assigurat tas-soċjeta' attriċi Mediterranean Crafts

---

[2] Polza bin-numru 681-1002239.

[3] Ara 'Discharge and Subrogation Form' datat 28 ta' Mejju 2020 (Dok. A, paġna 2 tal-atti tal-kawża).

Company Limited li ordnat u rċeviet il-forn li ġiet konsenjata minn Genova l-Italja lejn Malta Freeport Terminals Limited mis-soċjeta' konvenuta skont inkarigu lilha mogħtija direttament mill-istess Mediterranean Crafts Company Limited[4]. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa ravviżabbli ness kontrattwali evidenti bejn is-soċjeta' attriċi u Mediterranean Crafts Company Limited li għall-Qorti hu biżżejjed biex tqis lis-soċjeta' konvenuta bħala persuna idonea biex twieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi – kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha - għall-ħlas tad-danni.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li f'isimha proprju m'għandhiex relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi jew ma' Mediterranean Crafts Company Limited, il-Qorti tibda biex tosserva illi s-soċjeta' konvenuta ġiet imħarrka sija f'isimha proprju, John Ripard & Son (Shipping) Limited u kif ukoll bħala aġent tas-soċjeta' estera MSC (Mediterranean Shipping Company Limited). Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi filwaqt li huwa minnu li fil-konsenja tal-merkanzija in diżamina s-soċjeta' konvenuta setgħet kienet qed taġixxi bħala aġent għan-nom ta' soċjeta' estera, l-inkartament dwar il-konsenja ordnata minn Mediterranean Ceramics jindika lis-soċjeta' konvenuta f'isimha proprju, tant illi filwaqt li l-*invoice* 154368 ġiet maħruġa mis-soċjeta' konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited, id-*delivery order* ġie ffirmat għan-nom tal-istess soċjeta' konvenuta f'isimha. Għalhekk il-Qorti ma tistax teskludi *a priori* li s-soċjeta' konvenuta f'isimha ġiet imħarrka ħażin u li m'hijiex persuna idonea biex twieġeb għat-talba attriċi fir-Rikors. Mill-atti appena msemmija jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta kellha sehem materjali fil-konsenja tal-merkanzija *de quo* li minnha twieldet din l-azzjoni, jekk mhux ukoll rapport kuntrattwali dirett mal-assigurat tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement, tista' titqies talanqas fuq bażi *prima facie* bħala legittimu kontradittur sabiex twieġeb għat-talba attrici.

Dan premess iżda, irid jingħad illi għalkemm l-imħarrek jista' jitqies bħala persuna idonea biex iwieġeb għat-talba fir-Rikors promotur, ossia leġittima kontradittur tat-talba, dan jfissirx neċessarjament illi għandu jinsab responsabbli wkoll fil-mertu u

[4] Dok. MC4. Ara delivery order 091444 u invoice 154368 datati 19 ta' Lulju 2019.

kundannat għall-ħlas reklamat fir-Rikors.  Dan ifisser illi wara li jiġi epurat il-mertu, il-Qorti xorta waħda tista' tiskolpa lis-soċjeta' konvenuta f'xi waħda jew oħra jew entrambi l-kapaċitajiet li fiha ġiet imħarrka, mir-responsabbilita' għall-ħlas mitlub jew parti minnu.  Għalhekk, l-aċċertament f'dan l-istadju li hija persuna idonea li twieġeb għat-talba attriċi huwa bla ħsara għall-konsiderazzjonijiet li jolqtu l-mertu.

Għaldaqstant, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet fir-Risposta qed jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi eċċepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-artikolu 544(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ "*kif ukoll skont is-Sea Way Bill*".  Tikkontendi li filwaqt li l-konsenja tal-merkanzija saret fid-19 ta' Lulju 2019, l-azzjoni ġiet istitwita biss fit-22 ta' Lulju 2020.

L-artikolu 544(e) tal-Kap. 13 jiddisponi:-

*L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt:*
… … …
*(e) kull azzjoni għall-kunsinna ta' merkanzija, wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment.*

Il-Qorti ma taqbilx li s-soċjeta' konvenuta għandha raġun tinvoka d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 544(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ in sostenn tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni u tqis li dan l-artikolu m'huwiex applikabbli għall-fattispeċje tal-azzjoni li għandha quddiemha.  Dan qed jingħad għaliex it-talba tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur m'hijiex għall-konsenja tal-merkanzija jew għall-ħlas tad-danni naxxenti min-nuqqas tal-konsenja jew ta' parti minnha, iżda hija talba għall-ħlas tad-danni naxxenti mill-kuntratt għall-konsenja tal-merkanzija.  Fil-fatt, il-merkanzija li ġiet ordnata mill-assigurat tas-soċjeta' attriċi inġarret mis-soċjeta' konvenuta, waslet Malta u ġiet debitament konsenjata lilha fit-22 ta' Lulju 2019,

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inf.) tal-11 ta' Jannar 2006[5], ingħad:-

"*Mill-kliem cari tal-precitata disposizzjoni huwa bil-wisq evidenti illi l-preskrizzjoni tas-sena fiha kontemplata ghandha abbinament dirett mal-"kunsinna tal-merkanzija". Dan fis-sens illi r-ricevitur li jillanja li ma rceviex il-merce, kollha jew in parte, hu moghti t-terminu, fid-disposizzjoni preskritt, ghall-proponiment ta' l-azzjoni. Dan anke fil-kaz li tali azzjoni tkun wahda ghar-rizarciment ta' danni minhabba nuqqas ta' konsenja;*

*A propozitu, gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet "***Administrative Secretary tal-Gvern -vs- Edward G. Gatt nomine et***", Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Novembru 1972, illi "l-eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 636 (e) [fil-prezenti Artikolu 544(e)] tal-Kodici tal-Kummerc kellha tigi milqugha u dan ukoll ghal din ir-raguni, li, kif qalet din il-Qorti, fis-sentenza riportata fil-***Kollez. Vol. XXIII P I p 359***:* 'è indubitato che tale prescrizione colpisce ancora l' azione pel risarcimento di danni per difetto di consigna perche se non puo` essere chiesta la consigna non si puo` chiedere l' indennizzo pel difetto della consigna medesima*'."*

Għaldaqstant, ir-raba' eċċezzjoni wkoll m'hijiex tajba u sejra tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-assigurat tas-soċjeta' attriċi, Mediterranean Crafts Company Limited, ordnat direttament hija stess mingħand Pagnotta Termomeccanica s.n.c. "*shuttle intermittent electric kiln*" għall-prezz ta' €36,975.80 u qabbdet lis-soċjeta' konvenuta biex tieħu ħsieb il-ġarr il-merkanzija mill-fabbrika tal-fornitur ġewwa Deruta, Perugia, għall-port ta' Genova, lejn il-port ta' Marsaxlokk, Malta. Is-soċjeta' konvenuta aġixxiet f'dan il-każ bħala aġent tax-shipping line Mediterranean Shipping Company S.A. għall-ġarr tal-merkanzija mill-

---

[5] **Express Trailers Limited v. HH Limited**.

Italja għal Malta sal-port, fuq bażi *ex works*. Mid-dokument tal-ġarr[6] jirriżulta li t-trasportatur tal-merkanzija kienet is-soċjeta' Navi Customs Service Srl.

Kif jirrizulta mix-xhieda ta' Matteo Ciacci, rapprezentant tas-supplier barrani, Pagnotta Termomeccanica s.n.c., il-forn li ġie konsenjat lill-assigurat tas-soċjeta' attriċi kien ġdid fjamant u ġie ppakkeġġjat minn barra f'plastik b'saħħtu u dan mill-fornitur innifsu ġeewa l-fabbrika[7]. Huwa kien preżenti wkoll meta l-forn ġie mgħobbi fuq trailer qabel telqet mill-fabbrika. Fil-port ta' Genova l-forn ġie mgħobbi fuq *flat rack*[8] u kellu jinġarr matul il-vjaġġ kollu fuq il-bastiment MSC Antalya mill-port ta' Genova lejn Malta fuq dan il-*flat rack*, li huwa apparat speċjalizzat konsistenti fi pjattaforma mikxufa biex jinġarr fuqu merkanzija. Dan skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-assigurat tas-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta[9]. Il-prezz komplessiv tat-trasport tal-forn kien fis-somma ta' €7,292.36.

Is-soċjeta' Express Trailers Limited ġiet inkarigata mill-assigurat tas-soċjeta' attriċi biex iġġorr il-merkanzija minn Malta Freeport Terminals Limited sal-fabbrika tagħha ġewwa Ta' Qali, liema merkanzija kienet għadha fuq l-istess *flat rack* li fuqu kienet ġiet trasportata[10]. Hemmhekk, il-forn, li huwa vojt minn ġewwa, kellu jinħatt minn fuq it-trailer bil-*flat rack* b'kollox, permezz ta' crane, u jitqiegħed f'postu. Jirriżulta illi meta dan il-forn inkixef mill-plastik li kien imgeżwer fih u ġie mgħolli permezz ta' crane biċ-ċineg minn fuq it-trakk fejn kien qed jinġarr fuq il-*flat rack,* biex jitqiegħed f'postu fil-fabbrika, ġie notat minn taħt li kien hemm ħsara fil-mekkaniżmu tas-sħana fis-saqaf tiegħu fejn inqalgħu bosta pajpijiet taċ-ċeramika[11]. Minn barra ma kien jidher ebda ħsara u fil-fatt, il-*parts* li ġarrbu l-ħsara huma fuq ġewwa fis-saqaf tal-forn.

---

[6] Dok. MC8.
[7] Ara xhieda ta' Matteo Ciacci, 16 ta' Mejju 2022.
[8] Ara xhieda ta' Matteo Ciacci, 16 ta' Mejju 2022 u xhieda ta' Joseph Chetcuti, 15 ta' Marzu 2023.
[9] Ara email Dok. MC2.
[10] Ara ritratti Dok. MC5 u Dok. MC6
[11] Ara ritratti Dok. MC7.

Il-*parts* għat-tiswija reġgħu ġew ordnati mill-istess fornitur barrani għall-prezz ta' €4,814 (Dok. MC11) u l-assigurat tas-soċjeta' attriċi ħallset ukoll is-somma ta' €2,242, inkluż VAT, għall-ispejjeż tat-tiswijiet fuq il-forn li saru minn Building Services Engineering (Dok. MC12). Is-soċjeta' attriċi mbagħad ħallset lill-assigurat tagħha s-somma komplessiva ta' €6,714 taħt il-polza tal-assigurazzjoni bin-numru 681-1002239, liema polza kienet tkopri ħsarat fil-makkinarju tal-forn li jsajjar iċ-ċeramika u ġiet surrogata fid-drittijiet tagħha[12]. Din is-somma hija komposta mis-somma ta' €4,814 (il-prezz tal-parts għat-tiswija tal-forn) u s-somma ta' €1,900 (il-prezz tat-tiswijiet eskluz VAT). F'din il-kawża, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob ir-rimbors ta' din is-somma flimkien mas-somma ta' €159.30 li hija ħallset lill-Inġinier Martin Pizzuto biex jagħmel *survey* tal-ħsarat fil-forn.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi hu stabbilit li l-forn u l-komponenti oħra tiegħu inħattu minn fuq it-trakk li ġarr il-merkanzija mill-fabbrika tal-fornitur ġewwa Perugia, u tniżżlu fuq il-*flat rack* ġewwa l-port ta' Genova. Għalkemm Joseph Chetcuti xehed illi kellu konferma mingħand il-kaptan tal-bastiment li ma kien hemm ebda ħjiel ta' *mishandling* tal-merkanzija waqt li din kienet fuq il-bastiment, il-kaptan ma xehedx quddiem il-Qorti u ma hemm ebda evidenza li ssostni din l-asserzjoni li għamel Joseph Chetcuti fix-xhieda tiegħu[13]. Il-Qorti tqis ukoll li mill-kumpless tal-provi kif ukoll nuqqas ta' provi dwar dak li seħħ matul it-traġitt minn Perugia sal-port ta' Marsaxlokk, **huwa eskluż fuq il-preponderanza tal-provi li l-ħsara fil-forn seta' seħħ waqt it-traġitt mill-port ta' Marsaxlokk sal-fabbrika ta' Mediterranean Ceramics ġewwa Ta' Qali** għaliex jirriżulta li l-forn baqa' dejjem fuq il-*flat rack* wara li dan wasal Malta u ma kienx tniżżel minn fuqu sakemm wasal fil-fabbrika ġewwa Ta' Qali.

[12] Ara 'Discharge and Subrogation Form' datat 28 ta' Mejju 2020 (Dok. A, paġna 2 tal-atti tal-kawża).
[13] L-email esebit f'paġna 117 tal-atti tal-kawza ma jfissirx illi ma saritx ħsara ġewwa l-forn li ma kienetx tidher minn barra, kif effettivament ġara.

Aktar minn hekk, mill-provi jirriżulta[14] illi l-ħsara ġiet innotata mhux wara li l-forn kien tniżżel f'postu fil-fabbrika ta' Mediterranean Ceramics bil-crane, iżda qabel, hekk kif ġie elevat bil-*crane* minn fuq il-flat pack u wieħed seta' jara l-qiegħ miftuħ tiegħu. **Mix-xorta tal-ħsara, fejn il-pajpijiet taċ-ċeramika fis-saqaf tal-forn inqalgħu minn posthom u tkissru, u fuq bażi ta' bilanċ tal-probabbilitajiet, il-Qorti fehmet illi li l-ħsara setgħet seħħet biss matul il-proċess ta' tagħbija u ħatt tal-forn fuq il-mezzi ta' trasport provduti mis-soċjeta' konvenuta ċioe' meta dan inġabar mingħand il-fornitur jew fil-port ta' Genova meta l-forn inħatt minn fuq it-trakk u tniżżel fuq it-trailer bil-*flat rack*.** Kif xehed Matteo Ciacci, il-manifattur tal-forn, il-ħsara fil-pajpijiet kienet tidher mir-ritratti li seħħet b'riżultat ta' xokk ossia skoss qawwi li heżżeż il-mekkaniżmu fis-saqaf tiegħu u ma setax seħħ matul il-proċess tat-tgeżwir tal-forn bil-plastik għaliex din il-kopertura saret fuq il-parti esterna tal-forn filwaqt li l-mekkanżimu li ġarrab il-ħsara jinsab fuq l-intern tal-forn li ma kienx intmess fil-proċess ta' pakkeġġjar.

Għandu jingħad ukoll li ma jirriżulta mkien mill-provi illi l-aġenti tas-soċjeta' konvenuta kienu spezzjonaw il-kundizzjoni tal-forn u l-aċċessorji tiegħu qabel ħadu l-konsenja tagħhom. Għalkemm dawn kienu pakkeġġjati fil-plastik, il-Qorti fehmet illi l-qiegħ u l-intern tal-forn ma kienux mgħottijin tant illi meta l-forn ġie elevat bil-crane mal-wasla tiegħu fil-fabbrika tad-destinatarju, l-intern tiegħu kien viżibbli tant li l-ħsara ġiet innotata minnufih.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' konvenuta, flimkien mar-Risposta tagħha, esebiet fotokopja ta' Sea Waybill maħruġ mill-aġent tagħha, Mediterranean Shipping Company Limited S.A. – dokument li bħalma huwa risaput, jikkostitwixxi evidenza ta' kuntratt tal-ġarr u tal-konsenja tal-merkanzija trasportata. Madanakollu, ħadd ma xehed dwar dan id-dokument biex ifisser x'kienu l-kundizzjonijiet pattwiti għat-trasport tal-merkanzija in diżamina u f'kull każ, il-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument esebit mis-soċjeta'

[14] Ara xhieda bl-Affidavit ta' David Grima u xhieda ta' Paul Vella, 23 ta' Marzu 2022.

konvenuta huma kompletament illeġibbli. Barra minn hekk, 'The U.S. Carriage of Goods by Sea Act 1936' ("COGSA"), li jidher imsemmi f'dan id-dokument, huwa statut tal-Istati Uniti tal-Amerika li jirregola d-drittijiet u obbligi bejn it-trasportaturi tal-merkanzija bil-baħar fir-rigward ta' spedizzjonijiet ta' merkanzija lil u mill-Istati Uniti u ma għandhiex forza ta' liġi f'Malta. Għalhekk il-Qorti jrid ikollha serħan tal-moħħ tal-kundizzjonijiet espressi ta' dan il-kuntratt li jikkonċerna, wara kollox, ġarr ta' merkanzija bejn żewġ pajjizi Ewropej.

Il-Qorti tosserva wkoll illi mid-dokument innifsu jirriżulta illi s-Sea Way Bill inħareġ fis-17 ta' Awwissu 2020 mentri l-merkanzija mertu ta' din il-kawża ġiet konsenjata lill-assigurat tas-soċjeta' attriċi iktar minn sena qabel, fit-22 ta' Lulju 2019[15]. Dan is-Sea Waybill m'huwiex iffirmat fl-ebda parti tiegħu u jekk mhux għall-fatt illi s-soċjeta' attriċi f'ebda waqt ma kkontestat li dan kien il-kuntratt li jirregola l-ġarr tal-merkanzija f'dan il-każ, il-Qorti kien ikollha dubji serji dwar il-validita' kif ukoll l-applikabbilita' tiegħu għall-ġarr in diżamina.

Dak li hu ċert, iżda, hu li l-partijiet ftiehmu espressament li r-relazzjoni bejniethom in kwantu l-kuntratt ta' ġarr in diżamina tkun regolata minn kuntratt speċifiku li ma japplikax id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR). Il-fatt illi l-partijiet irregolaw il-kundizzjonijiet tal-ġarr permezz ta' kuntratt *ad hoc*, ifisser li ma jistgħux isibu applikazzjoni għall-kuntratt tal-ġarr tal-merkanzija in diżamina, ir-regoli tal-Konvenzjoni dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija, inkorporata fl-iskeda tal-Att bl-istess isem (Kap. 486 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grima noe vs Saviour Mifsud noe[16]**:

"*Biex il-konvenzjoni tapplika l-partijiet iridu jkunu espressament ftehmu hekk. Dan il-principju huwa segwit f'diversi sistemi guridici ... ... u l-Qorti tal-Kummerc,*

[15] Ara wkoll notice of arrival, Dok. MC
[16] Appell Kummerċjali 27 ta' Dicembru 1991 – Vol LXXIII.ii.648.

*b'riferibilment ta' dawk li huma maghrufa bhala The Hague Rules, irritjena l-istess principju fis-sentenzi "Avukat Dr Austin Sammut noe et noe vs Vivienne Bianch et noe" tat-3 ta' Mejju 1990 u l-"Avukat Dr Austin Sammut noe et vs James G Gollcher et noe" tal-10 ta' Mejju 1990.*"[17]

Din il-pożizzjoni nbidlet bid-dħul fis-seħħ tal-Att XI tal-2006, l-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjoni tal-Merkanzija (Kap. 486) fejn l-artikolu 5 tal-istess Att jistipola:-

"*Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni CMR għandu jkollhom, minkejja dak kollu li jista' jkun hemm kuntrarju f'kull liġi oħra iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, forza ta' liġi ma' Malta kollha għar-rigward tal-ġarr stradaliinternazzjonali ta' merkanzija minn dik id-data u skont dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jordna.*"

Illum għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni (CMR) huma applikabbli tassattivament ghal kull ġarr stradali internazzjoni ta' merkanzija[18] li jseħħ wara d-dħul fis-seħħ tal-Att, purche' il-ġbir tal-merkanzija mingħand il-fornitur jew il-konsenja finali tal-merkanzija lid-destinatarju, iseħħ f'talanqas wieħed mill-istati kontraenti u purche', naturalment, il-partijiet ma jkunux ikkontrattaw espressament termini u kundizzjonijiet differenti.

Għalkemm ġie ritenut ukoll illi "*Article 4 makes it plain that the absence of a note, for whatever reason, does not affect the validity of the contract or the application of the Convention*"[19], f'dan il-każ jirriżulta illi mhux biss ma ġie redatt ebda

[17] Ingħad hekk mill-Qorti għaliex ikkunsidrat illi trid tiġi assigrauta ċ-ċertezza tad-dritt bejn il-partijiet u fissret illi:- *"... biex il-Qorti tkun tista' tapplika bħala liġi dak li hemm fil-Konvenzjoni anki meta din mhux espressament miftiehma bejn il-partijiet jista' jsir meta, iż-żewġ partijiet, paċifikatament u mingħajr ebda kontestazzjoni fuq daqshekk, jitolbu 'l Qorti biex tirregola l-pożizzjoni ta' bejniethom, b'dik il-Konvenzjoni."*

[18] L-Artikolu 2.1 tal-Konvenzjoni jipprovdi: *1. Where the vehicle containing the goods is carried over part of the journey by sea, rail, inland waterways or air, and, except where the provisions of article 14 are applicable, the goods are not unloaded from the vehicle, this Convention shall nevertheless apply to the whole of the carriage.*

[19] Gefco (UK) Ltd. v. Mason (No. 1) 1998 – ċitata f'Contracts of Carriage by Land and Air (Second Ed.) – Malcolm A. Clarke and David Yates (page 17, 1.18)

*consignment note* dwar il-ġarr kuntrattat bejn il-partijiet u imkien fid-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali ma saret xi referenza għal CMR, iżda l-evidenza – li baqgħet mhux kontradetta - turi li l-partijiet ikkuntrattaw espressament li jirregolaw ir-relazzjoni tagħhom b'termini u kundizzjonijiet ta' kuntratt konkluż taħt Konvenzjoni oħra li m'hijiex CMR. Għalhekk, il-Qorti żgur ma tistax tapplika hija stess ir-regoli CMR biex tiddetermina r-responsabbilitajiet tal-partijiet rispettivi fil-kuntratt tal-ġarr li evidentement ma kienx maħsub biex jiġu applikati r-regoli CMR.

Madankollu, fl-istess ħin, billi kif rajna m'hemmx prova tajba tat-termini ta' dan il-kuntratt, il-Qorti ma tistax tapplikah. Kien jispetta lis-soċjeta' konvenuta tressaq prova tajba tal-kontenut u d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt tal-ġarr li japplikaw biex jirregolaw ir-relazzjoni tagħha mal-klient tagħha, f'dan il-każ l-assigurat tas-soċjeta' attriċi, liema prova madanakollu ma saritx kif imiss. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li huma applikabbli l-principji generali tal-Kodici Civili dwar ir-reponsabilita' ta' min ikollu fil-pussess tiegħu oġġett ta' ħaddieħor.

Mill-provi jirriżulta ċar li s-soċjeta' konvenuta f'dan il-każ ikkuntrattat mal-assigurat tas-soċjeta' attriċi bħala aġent tas-soċjeta' estera Mediterreanean Shipping Company S.A., u li l-ġarr mill-Italja sa Malta tal-forn u l-aċċessorji tiegħu twettaq mill-istess soċjeta' estera bl-aċċettazzjoni tal-klient[20]. Il-Qorti, kif diġa' stabbilit, tirravviża fiċ-ċirkostanzi tal-ġarr imwettaq mit-trasportatur imqabbad mill-aġent tas-soċjeta' konvenuta, negligenza konsistenti fil-fatt illi l-forn sofra ħsara sewwasew matul il-proċess ta' tagħbija u ħatt fuq il-mezzi ta' trasport provdut mill-aġent tas-soċjeta' konvenuta, ċioe' meta dan inġabar mingħand il-fornitur jew fil-port ta' Genova. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt in materja - ċioe' li kull ħsara li tiġri bil-ħtija ta' xi ħadd, anke jekk ikun qed jaġixxi bl-użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, iwieġeb għaliha dik il-persuna[21] - is-soċjeta' konvenuta, bħala l-aġent tas-soċjeta' estera u jew it-trasportatur, għandha tagħmel tajjeb għal din il-ħsara li saret

[20] Ara kuntratt anness mar-Risposta tas-soċjeta' konvenuta.
[21] Art. 1031 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili.

meta l-forn kien jinsab fil-kustodja tal-prinċipal tagħha jew ta' persuni imqabbdin mill-istess prinċipal.

Ma ġiex ippruvat u lanqas allegat illi din il-ħsara saret b'aċċident jew b'forza maġġuri li tiskolpa lis-soċjeta' konvenuta u jew l-aġent tagħha mir-responsabbilita' għal dik il-ħsara. Għaldaqstant, is-socjeta' konvenuta għandha tirrispondi għall-ħsarat ikkaġunati lill-klient tagħha abbażi tal-principju kostanti enuncjat f'diversi sentenzi fosthom **Reginald Micallef nomine vs Godwin Abela nomine**[22] u **Marianno Sare' vs Antoine Ellul**[23], fejn inghad li:

"*Id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li huwa jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabdin minnu*".

Din ukoll kienet tkun il-pożizzjoni taħt CMR kieku l-partijiet kontendenti ma kkonkludewx kuntratt ta' ġarr *ad hoc*. Dan qed jingħad għaliex huwa prinċipju assodat taħt il-Konvenzjoni li t-trasportatur jibqa' responsabbli, indipendentement mill-fatt li huwa jkun qabbad persuna oħra biex iwettaq għan-nom tiegħu dak ix-xoghol jew servizz[24].

Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Gunju, 2014, fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et vs Express Trailers Limited**, inghad:

[22] Appell Kummerċjali 16 ta' Marzu 1992 –LXXV.ii.430.
[23] Appell Ċivili 12 ta' Gunju 1953 – XXXVII.i.197.
[24] L-artikolu 3 tal-istess CMR jipprovdi li:- *For the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts and omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own.*
Ir-responsabbilta tat-trasportatur hu regolat ukoll mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 17.1 CMR, li jipprovdu li:- *The carrier shall be responsible for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

*"Kienet is-socjeta konvenuta li ghazlet lil min tqabbad biex igorrilha t-trailer bil-bahar sa gol-port ta' Genoa, u hi tassumi r-responsabbilta` ghal dak kollu li s-sub-kuntrattur jaghmel ghan-nom taghha. Debitur ta' obbligazzjoni ma jistax jipprova jehles mill-konsegwenzi tal-inadempjenza tieghu billi jwahhal f'xi hadd li qabbad biex jghinu fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. F'dan is-sens hi l-gurisprudenza (ara per ezempju, Farrugia vs Attard deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-28 ta' April 1998 u l-kliem tal-istess konvenzjoni (Artikolu 3).*

*Is-socjeta konvenuta hija l-carrier u hija tibqa hekk responsabbli indipendentement mill-fatt illi hija tkun qabdet persuna ohra ghal dak ix-xoghol jew servizz. F'dan is-sens huma wkoll is-sentenzi Abela vs S. Mifsud & Sons Ltd deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001, u Gasan Mamo Insurance Agency Ltd noe vs Sea Malta Co Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-17 ta' Novembru 2004. 'dan il-kuntest, allura, din il-Qorti tara li l-istess socjeta konvenuta kienet u baqghet responsabbli ghat-tragitt kollu minn Malta lejn l-Ingilterra, inkluz meta t-trailer kien fil-pussess ta' terzi ghall-parti mill-vjagg u, cioe`, sal-port ta' Genoa fl-Italia."*

Applikat l-insenjament fuq ċitat għall-każ tal-lum ifisser illi l-fatt illi s-soċjeta' konvenuta jew il-prinċipal tagħha Mediterranean Shipping Company S.A. setgħu qabbdu terzi trasportaturi biex effettivament iġorru l-merkanzija ordnata mill-assigurat tas-socjeta attrici lejn Malta, ma jneħħi xejn mill-obbligi li l-istess soċjeta' konvenuta bħala aġent tas-soċjeta' estera, assumiet fil-konfront tas-soċjeta' attrici għall-ġarr tal-istess merkanzija – u l-istess il-pożizzjoni fid-dritt ċivili. Fir-rigward tal-klient tagħha, is-soċjeta' konvenuta, sija jekk aġixxietx *de proprio* u sija wkoll jekk aġixxietx għan-nom ta' terz meta aċċettat l-inkarigu, dejjem baqghet responsabbli biex twettaq b'mod għaqli dak li ġie miftiehem mal-klient tagħha, u ma tistax teżumi ruħha mir-responsabbilita' għall-ħsara fil-konsenja għaliex kienet qabbdet lil terzi trasportaturi jwettqu għan-nom tagħha il-konsenja ordnata.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ il-materja tad-danni kkaġunati bin-nuqqas tas-soċjeta' konvenuta fit-twettiq kif imiss tal-kuntratt tal-ġarr.

Ġie debitament ippruvat mix-xhieda ta' David Grima u d-dokumenti esebiti minnu, illi s-somma komplessiva li ġiet imħallsa minn Mediterranean Crafts Company Limited għall-akkwist u spedizzjoni tal-*parts* għat-tiswija tal-ħsara fil-forn, u għall-ispejjeż tat-tiswija tal-istess forn, kienet ta' €7,056. Madanakollu, hija rċeviet mingħand is-soċjeta' attriċi, l-assiguratur tagħha, in linea ta' indenizz taħt il-polza tal-assigurazzjoni, somma inqas minn dik li hija żborsat biex tirrimedja l-ħsarat, fis-somma ta' €6,714. Dan għaliex ma ġiex rifuża lilha l-VAT fis-somma ta' €342 fuq l-ispejjeż tat-tiswijiet skont l-invoice maħruġ minn Building Services Engineering (Dok. MC12). Fir-Rikors promotur, is-soċjeta' attriċi qiegħda tirreklama r-rimbors tas-somma ta' €6,714 li hija ħallset b'indennizz lill-assigurat tagħha kif ukoll is-somma ta' €159.30 rappreżentanti d-drittijiet imħallsin minnha lil inġinier li ġie inkarigat minnha biex jispezzjona l-ħsarat fil-forn, peress li dawn kienu konsiderevoli. Carmelo Sharlo Vella, General Claims Assistant Manager mas-soċjeta' attriċi, xehed illi l-inġinier żamm spezzjoni fis-26 ta' Settembru 2019 u ħallset lill-assigurat tagħha abbazi tal-konklużjonijiet tal-istess inġinier.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm ġie esebit fl-atti proċesswali fotokopja ta' invoice tad-drittijiet ta' Elekonsult Limited, l-inġinier imqabbad mis-soċjeta' attriċi ma ġiex imressaq biex jixhed quddiemha biex ifisser f'hiex kien jikkonsisti l-inkarigu tiegħu u l-konklużjonijiet minnu raġġunti u lanqas biex jikkonferma li huwa effettivament irċieva l-ħlas tas-somma ta' €159.30 mingħand is-soċjeta' attriċi. Ma ġiex esebit lanqas kopja tar-rapport li l-Qorti fehmet li ġie mħejji minnu għall-fini ta' dan l-inkarigu.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti ma taqbilx li l-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €159.30 hi f'lokha u m'hijiex tal-fehma illi s-soċjeta' konvenuta għandha tiġi kkundannata tirimborsalha din is-somma, meta l-utilita' tal-ħlas ta' din is-somma ma toħroġx sodisfaċjentement mill-provi. Dan magħdud il-fatt illi dan il-ħlas

jirrappreżenta spejjeż inkorsi mis-soċjeta' attriċi b'għażla tagħha u mhux spejjez, danni jew telf imġarrab mill-assigurat tagħha b'rizultat tal-ħsara lill-merkanzija mertu tal-kuntratt tal-ġarr konkluż mas-soċjeta' konvenuta. Hu indiskuss illi s-soċjeta' attriċi, mingħajr is-surroga fid-drittijiet tal-assigurat tagħha fejn akkwistat il-jedd ta' azzjoni spettanti lill-assigurat tagħha fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta, ma għandha ebda rapport la kuntrattwali u lanqas ta' xort'oħra mal-istess konvenuta in konnessjoni mal-fatti ta' dan il-każ. Konsegwentement, jekk is-soċjeta' attriċi inkorriet spejjeż li m'humiex fost dawk li hija indennizat lill-assigurat tagħħha u li għalhekk imorru lil hinn mill-iskop tas-surroga, m'għandhiex jedd tesiġi li dawn jitraddulha mis-soċjeta' konvenuta.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ammont li għandu jiġi rimborsat in linea ta' danni huwa biss is-somma li s-soċjeta' attriċi ħallset in linea ta' indennizz lill-assigurat tagħha, ċioe' €6,714[25], magħmul mill-ħlas lil Pagnotta Termomeccanica s.n.c. fis-somma ta' €4,814[26] u mill-ħlas skont invoice INV0163 lil Building Services Engineering fis-somma ta' €1,900[27].

Ikkunsidrat;

Illi fis-seba' eċċezzjoni fir-Risposta tagħha, is-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi r-responsabbilita' tagħha għandha tkun limitata skont il-ftehim fil-Sea Waybill dwar *limitation of liability*. Kif ingħad diġa', ma nġiebitx prova kif imiss tal-kundizzjonijiet espressament miftiehma jew applikabbli skont il-kuntratt tal-ġarr, fosthom dwar xi limitazzjoni tar-responsabbilita' tat-trasportatur u hija għalhekk mankanti l-prova dwar il-limitazzjoni tar-responsabbilita' invokata mis-soċjeta' konvenuta u tal-metodu ta' kalkolu tal-massimu tal-kumpens f'każ ta' telf, ħsara jew demwien fil-konsenja. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'.

Ikkunsidrat;

---

[25] Ara Discharge and Subrogation Form, Dok. A, paġna 2 tal-atti tal-kawża.
[26] Invoice 104/2019 (Dok. MC11).
[27] Invoice Dok. MC12.

Is-soċjeta' konvenuta teċċpixxi wkoll illi s-soċjeta' attriċi u l-klient tagħha, Mediterranean Crafts Company Limited, naqsu milli jagħmlu *survey* u jġibu prova tal-ħsarat u danni allegatement subiti u lanqas interpellawha biex tħallas dawn id-danni qabel ġew istitwiti dawn il-proċeduri.

Il-Qorti rat il-provi u l-atti u tosserva illi David Grima kien tassew għarraf lis-soċjeta' konvenuta bil-ħsarat li nstabu fil-forn meta dan ġie konsenjat, u dan permezz ta' *email* li ntbagħat biss jumejn wara l-konsenja fl-24 ta' Lulju 2019 (Dok. MC9). Imbagħad, fl-istess ġurnata, is-soċjeta' konvenuta bagħtet email lill-kaptan tal-bastiment MSC Antalya[28], biex jikkonferma jekk kienx osserva xi ħsarat matul il-proċess ta' ħatt fil-port ta' Genova, matul it-traġitt u l-ħatt fil-port ta' Marsaxlokk. Madankollu, ma jirriżultax illi s-soċjeta' konvenuta fittxet xi tagħrif ulterjuri mingħand il-klient tagħha in segwitu għal din il-korrispondenza u lanqas talbet li tispezzjona l-ħsara hija stess, jew wriet xort'oħra xi interess fil-materja. Il-Qorti ma identifikat ebda obbligu da parti tal-assigurat tas-soċjeta' attriċi li twettaq *survey* tal-ħsara jew li tfornixxi prova tal-ħsara jew tad-danni minnha subiti lit-trasportatur inkarigat minnha u għaldaqstant, tqis illi n-nuqqas tagħha li tagħmel dan mhu ta' ebda konsegwenza u indubbjament ma tistax teżonera lis-soċjeta' konvenuta mir-responsabbilitajiet tagħha bħala trasportatur tal-merkanzija.

Il-fatt li s-soċjeta' konvenuta ma ġiex interpellata preventivament ghall-intavolar ta' dawn il-proċeduri ukoll ma jsarrafx f'xi temperament tal-ispejjeż tal-proċeduri u huwa relevanti biss għall-fini tad-dekorriment tal-imgħaxijiet.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi in konklużjoni, il-Qorti tirribadixxi illi s-soċjeta' konvenuta ġiet ingaġġata biex tieħu ħsieb it-trasport tal-merkanzija ordnata mill-assigurat tas-soċjeta' attriċi, bħala aġent tas-soċjeta' estera MSC (Mediterranean Shipping Company S.A.). Dan hu

[28] Ara paġna 117 u 118 tal-atti tal-kawża.

evidenti mid-*delivery order* kif ukoll mill-*invoice* (Dok. MC2 u Dok. MC4) li fihom jinsab indikat espressament illi l-prinċipal tagħha huwa Mediterranean Shipping Co. S.A. Barra dan il-fatt illi fil-korrispondenza elettronika skambjata bejn il-partijiet in konnessjoni mal-konsenja in diżamina, jinsab indikat speċifikatament illi John Ripard & Son (Shipping) Ltd "*As agent only for MSC Mediterranean Shipping Company S.A., Geneva*"[29] Ukoll, Joseph Chetcuti xehed: "... *bdejna l-proċess mal-aġenti tagħna, mal-aġenti tal-MSE* [*recte*. MSC] *għax aħna parti min-network tal-MSC li huwa, which is a shipping line, biex inġibu dan ix-xogħol mill-Italja għal Malta*."[30]

Għall-Qorti dan ifisser illi l-inkarigu tal-ġarr is-soċjeta' konvenuta aċċettatu bħala aġent tas-soċjeta' estera u mhux *de proprio* u konsegwentement, it-talba tas-soċjeta' attriċi sejra tintlaqa' biss fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta bħala aġent tas-soċjeta' estera MSC (Mediterranean Shipping Company S.A.).

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' limitatament it-talba attriċi fil-konfront biss ta' JOHN RIPARD & SON (SHIPPING) LIMITED BĦALA AĠENT TAS-SOĊJETA' ESTERA MSC (MEDITERRANEAN SHIPPING COMPANY S.A.) u tikkundannaha f'din il-kwalita' tħallas lil ELMO INSURANCE LIMITED is-somma ta' sitt elef seba' mija u erbatax-il Euro (€6,714.00) għar-raġuni msemmija fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, 22 ta' Lulju 2020, u bl-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[29] Dok. MC9, paġna 70 tal-atti tal-kawża.
[30] Appell Ċivili 12 ta' Gunju 1953 – XXXVII.i.197.